**QORTI CIVILI**

**PRIM' AWLA**

**ONOR. MHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Illum Nhar il-Gimgha 24 ta' Marzu 2017**

**Mandat Numru: 347/2017/1 JPG**

**Waste Collection Limited (C58428)**

**VS**

**Kunsill Lokali Bormla**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ta' Waste Collection Limited (C 58428), datat 1 ta' Marzu 2017, li jaqra hekk;

*Jinghad bil-qima li jigi kkonfermat bil-gurament minn Adrian Muscat (karta ta' identita' numru 129983m) bhala tal-istess socjeta' Waste Collection Limited (C 58428):-*

*Illi l-esponenti ghandu interess li jitharsu l-jeddijiet tal-esponenti;*

*Illi l-esponenti sabiex jikkawtela d-drittijiet tieghu, jixtieq izomm l-intimati milli:- iqabbdu terzi persuni bi kwalunkwe mod biex jipprovdu servizz lill-istess kunsill*

*lokali Bormla ta' tindif tat-toroq f'Bormla (Cospicua) hi huma komprizi fit-tender numru KLBO 01/2017 ossia "Service tender for the Street Sweeping and Cleaning of the locality of Cospicua, in an environmentally friendly manner" mahrug mill-Kunsill Lokali intimat u dan sakemm tender jigi aggudikat finalment.*

*Illi l-esponenti tefghet offerta fl-imsemmi tender li ghadu qed jigi aggudikat.*

*Illi sakemm jigi aggudikat l-imsemmi tender is-socjeta' esponenti qegheda taghti l-istess servizzi lill-Kunsill Lokali Bormla.*

*Illi skont il-ligi tal-Public Procurement (L.S. 174.04) il-Kunsill Lokali intimat ma jistax jikkonkludi kuntratt ma' terzi taht it-tender fuq imsemmi sakemm il-process kollu ta' aggudikazzjoni (komprizi ipprocess ta' appell jew oggezzjoni quddiem ir-Review Board tal-Kuntratti Pubblici) ikun kompletat.*

*Illi s'issa l-esponenti ghadu ma rceviex avviz dwar lil min qed jigi propost li jinghata it-tender. Illi l-Kunsill Lokali intimat ma jistax skont il-ligi jikkonkludi l-kuntratt sakemm jaghti tali avviz u matul il-perjodu ta' ghaxart ijiem moghti biex jigu prezentati l-appelli quddiem ir-Review Board imsemmi. Inoltre' l-process tal-ghoti ghandu jigi ghal kollox sospiz jekk jigi eventwalment prezentat appell (ara Regolament 84 tal-L.S. 174.04).*

*Illi l-esponenti ghandha suspett illi l-Kunsill Lokali intimat sejjer iqabbad terzi sabiex fil-mori tal-aggudikazzjoni tat-tender dawn jaghtu servizz li huma komprizi fit-tender fuq imsemmi.*

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi.

Rat ir-risposta tal-Kunsill Lokali Bormla, datata 10 ta' Marzu 2017, (vide fol 5 et seq), li jaqra hekk;

1. *Illi s-soċjeta' rikorrenti kienet ġiet aġġudikata l-kuntratt pubbliku KLBO 03/2014 dwar Knis u Tindif ta' Toroq, liema kuntratt pubbliku skada t-terminu tiegħu u ma*

*ġiex imġedded, u proprju għalhekk inħarġet sejħa għall-offerti mill-ġdid, u ċioe' dik meritu ta' dan il-proċediment.*

2. *Illi konsegwenzjalment għall-iskadenza tal-kuntratt tar-rikorrenti, il-Kunsill esponenti kif kien fid-dritt li jagħmel għarraf lill-istess rikorrenti li s-servizzi tagħha ma setgħux jiġu aċċettati aktar mill-Kunsill esponenti, salv u pendenti l-aġġudikazzjoni tas-sejħa għall-offerti li għadha s'issa pendenti (ara d-dokument anness mal-preżenti bħala "Dok KLB1". Jiġi rilevat illi a tenur ta' l-Artikolu 261(5) tar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku (L.S.174.04), kull awtorita' pubblika, inkluż l-esponenti, għandha s-saħħa illi tittermina kuntratt <u>fit-terminu tiegħu</u> mingħajr il-ħtieġa ta' awtorita' ulterjuri jew mingħajr il-ħtieġa li tirrikorri l-qorti. Multo magis għalhekk il-Kunsill esponenti kien mhux biss fil-jedd imma fl-obbligu illi jwaqqaf lir-rikorrenti milli tissokta fil-kuntratt tagħha <u>wara li dan skada</u>.*

3. *Illi l-obbligu tal-Kunsill esponenti li jwaqqaf l-operat tar-rikorrenti huwa naxxenti mid-disposizzjonijiet, u senjatament mill-Artikolu 24, tar-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali (Finanzi)*[1]*, li jipprovdu li fejn Kunsill Lokali jordna, jikkuntratta jew jiftiehem dwar servizzi b'valur li jeċċedu €1,164.69 kull erba' xhur, dak il-Kunsill irid isegwi l-proċeduri preskritti fl-imsemmija disposizzjonijiet, fosthom li jagħmel sejħa pubblika għal offerti jew inkella (fejn il-valur ma jeċċedix is-somma ta' €4,658.75) u alternattivament, jitlob minn ta' l-inqas tlett kwotazzjonijiet. Effettivament is-servizz li kienet tipprovdi r-rikorrenti taħt il-kuntratt pubbliku li llum skada kif fuq premess kienu jammontaw għal €2,500 fix-xahar, u kwindi l-prokurar ta' dawk is-servizzi teħtieġ sejħa pubblika għall-offerti. Proprju għalhekk il-Kunsill esponenti ingħata direttiva mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex iwaqqaf immedjatament l-operat tar-rikorrenti, la darba l-kuntratt pubblika spiċċa għax skada (ara dokument anness u mmarkat "Dok KLB2").* ***Kwindi l-effett ta' l-azzjoni tar-rikorrenti, li tipprova ġġiegħel il-Kunsill esponenti jippermettiha tkompli bl-operat tagħha, għandha l-effett li ġġib lill-Kunsill esponenti fi ksur tal-liġi****.*

[1] Avviż Legali 155 ta' l-1993 (LS363.01).

4. *Illi minkejja l-istruzzjonijiet tal-Kunsill esponenti, ir-rikorrenti baqgħet għaddejja bl-operat tagħha, u l-Kunsill esponenti qiegħed jagħmilha ċara li ma huwiex obbligat iħallas lir-rikorrenti għall-operat minnha magħmul wara l-iskadenza tal-kuntratt pubbliku preċedenti.*

5. *Illi l-Kunsill esponenti jiċħad kategorikament li beħsiebu jidħol f'xi kuntratt ma' xi terzi dwar l-istess servizzi li jifformaw il-meritu tas-sejħa għall-offerti numru KLBO 01/2017. Li kieku l-Kunsill esponenti kellu dik l-intenzjoni, kieku ma kienx jagħmel sejħa għall-offerti. Dak li kien qed isir mill-Kunsill esponenti, wara l-iskadenza tal-kuntratt tar-rikorrenti u pendenti l-eżitu ta' l-aġġudikazzjoni tas-sejħa għall-offerti attwali, kien li twettaq xogħol ta' knis u tindif fit-toroq permezz ta' ħaddiema tal-Gvern allokati lill-Kunsill stess. Eżerċizzju dan li se jsarraf ukoll biex jiġi determinat jekk is-servizz formanti l-meritu tas-sejħa għall-offerti in kwistjoni jistax jitwettaq minn dawn il-ħaddiema minflok minn operaturi privati, b'dispendju inqas minn fondi pubbliċi.*

6. *Illi sfortunatament u bl-aġir tar-rikorrenti l-Kunsill esponenti qed jiġi mpedut milli jwettaq dan l-eżerċizzju fl-interess pubbliku u tal-fondi pubbliċi.*

7. *Illi għalhekk il-mandat mitlub mir-rikorrenti ma jistax jintlaqa' a tenur ta' l-Artikolu 873(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li jipprovdi kif ġej:*

> *(3) Il-qorti m'għandha toħroġ ebda mandat bħal dak kontra l-Gvern jew awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga uffiċjali tagħha kemm-il darba l-awtorità jew il-persuna li kontra tagħha jintalab il-mandat ma tikkonfermax fil-qorti bil-miftuħ li l-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma tkun fil-fatt maħsuba li ssir, u l-qorti tkun sodisfatta, wara li tisma' l-ispjegazzjonijiet mogħtija, li kemm-il darba ma jinħariġx il-mandat, il-preġudizzju li jinħoloq lil min ikun qed jitlob il-mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel mal-istess għemil tal-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma.*

8. *Illi l-liġi hija ċara – kemm-il darba l-awtorita' jew il-persuna li kontra tagħha jintalab il-mandat ma tikkonfermax fil-qorti bil-miftuħ li l-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma tkun fil-fatt maħsuba li ssir, il-mandat m'għandux jintlaqgħa.*

9. *Illi barra minn hekk u bla preġudizzju għall-premess, ir-rikorrenti ma hija se tbati ebda preġudizzju jekk ma tintlaqgħax it-talba tagħha, għaliex jekk l-offerta tagħha se tkun dik l-aktar vantaġġjuża skont it-termini tas-sejħa għall-offerta, il-kuntratt se jiġi aġġudikat lilha.*

10. *Illi effettivament bit-talba tagħha r-rikorrenti qed tipprova toħloq stat ta' fatt favur tagħha li hija stess tgħid li tixtieq timpedixxi, u ċioe' li ġġiegħel lill-Kunsill esponenti jibqa' jaċċetta s-servizzi ta' l-istess rikorrenti meta r-rikorrenti m'għandha ebda kuntratt li jiġġustifika l-għoti ta' dawk is-servizzi, u mingħajr l-aġġudikazzjoni tas-sejħa għall-offerti attwali. Għalhekk ir-rikorrenti trid li l-Kunsill esponenti jiġi mwaqqaf milli jqabbad terzi persuni milli jwettqu s-servizz in kwistjoni, sabiex b'hekk il-Kunsill ma jkollux għażla ħlief li jqabbad lir-rikorrenti. Jedd dan li r-rikorrenti ċertament m'għandhiex.*

11. *Illi finalment, jingħad ukoll illi r-rikorrenti ċertament ma jistax ikollha l-jedd illi timpedixxi lill-Kunsill esponenti milli jwettaq il-funzjonijiet u l-mansjonijiet pubbliċi tiegħu. Kif fuq premess, il-Kunsill esponenti ma jistax jippermetti lir-rikorrenti tissokta bl-operat tagħha, u dan billi l-operat in kwistjoni jeħtieġ infiq li ma jippermettix lill-Kunsill jaċċettah mingħajr il-proċedura ta' sejħa għall-offerti. Min-naħa l-oħra, il-Kunsill esponenti għandu d-dmir u konsegwentement l-obbligu li jara li funzjonijiet ta' ordni pubbliku, bħal ma huwa l-knis ta' toroq pubbliċi, jibqa' jitwettaq u jsir. U sabiex dan id-dmir iwettqu, l-Kunsill għandu d-dmir illi jeżerċita s-setgħat mogħtija lilu mil-liġi, inkluż li jqabbad ħaddiema tiegħu jagħmlu dan ix-xogħol, kif ukoll kull mezz ieħor permess mil-liġi.*

*Għal dawn ir-raġunijiet, kif ukoll għal kull raġuni oħra li tista' tiġi sottomessa waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors, it-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tiegħu, u d-dikriet provviżorju ta' l-1 ta' Marzu 2017 għandu jiġi mħassar contrario imperio.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkonsidrat:**

Illi mix-xhieda prodotta mill-kontendenti u precizament skond ix-xhieda ta' Duncan Hall, Segretarju Esekuttiv tal-Kunsill ta' Bormla, jirrizulta illi s-societa' rikorrenti permezz ta' kuntratt mirbuh f'Tender, kienet inkarigata tiknes it-toroq ta' Bormla, fost affarijiet ohra, liema kuntratt skada fit-13 ta' Dicembru 2016.

Duncan Hall spiega illi huwa dahal fil-kariga tieghu fl-1 ta' Frar 2017. Illi meta ghalhekk induna li l-kuntratt tas-societa' rikorrenti kien skada, huwa hejja laqgha ghas-6 ta' Frar 2017 pero ebda rapprezentant tas-societa' intimata ma tfacca. Ghalhekk Hall talab u rcieva direzzjoni mid-Departament tal-Gvern Lokali. Huwa kkonferma l-E Mails, u cioe, l-korrispondenza bejnu, d-Departament tal-Gvern Lokali u Waste Collection Limited - vide KLB1 a fol 9-12.

Jirrizulta illi l-Kunsill ta' Bormla, wara li skada l-kuntratt ta' Waste Collection Limited, xorta baqa jaghmel uzu mis-servizzi tas-societa' rikorrenti u in segwitu tad-decizjoni tal-Kunsill li ma jgeddidtx il-kuntratt tas-societa' rikorrenti, Duncan Hall informa lill-istess Societa' rikorrenti illi l-Kunsill kien lest li jhallas tas-servizzi moghti lill-Kunsill wara l-iskadenza tal-kuntratt.

Duncan Hall xehed li sakemm terga tohrog is-sejha ghall-offerti gdida u ssir l-ghazla, ma kienitx l-intensjoni tal-Kunsill - **"mhux l-intenzjoni taghna"**[2] - li jqabbdu kuntrattur jew kuntratturi ohra biex jaghmlu x-xoghol li qabel kien jsir mis-societa' rikorrenti.

[2] Vide fol 17 dorso

Hall sostna illi l-Kunsill qabbad **"lill-haddiema li l-Kunsill ghandu assenjat mieghu sabiex jaghmlu x-xogholijiet"**[3]. Hall pero' ma setghax jaghti garanzija li jsiru arrangamenti alternattivi jekk jinqalghu xi cirkostanzi li ma jkollux kontroll fuqhom.

**Ikkonsidrat:**

Skond l-Artikolu 873(1) tal-Kap.12, l-iskop ta' Mandat ta' Inibizzjoni hu dak li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tista' tkun ta' pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.

Skond l-Artikolu 873(2) tal-Kap.12, il-Qorti m'ghandhiex tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li r-rikorrent *prima facie* jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.

Mill-Artikolu 873(2) tal-Kap.12, ghalhekk, johorgu zewg elementi li r-rikorrent jrid jissodisfa:

**Fl-ewwel lok**, irid juri li l-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu jeddijiet li jippretendi li ghandu; u
**Fit-tieni lok**, irid jipprova li *prima facie* ghandu dawn il-jeddijiet.

Il-ligi thares il-jedd *prima facie* bħala rekwizit meħtieg għall-ħrug tal-Mandat. Irid ghalhekk, ikun jedd, anke jekk *prima facie,* biex jimmerita harsien. Mhux bizzejjed li jkun semplici diffikulta', disagju jew tħassib [ara digriet – Qorti tal-Kummerc – **26 ta` Mejju 1995** fl-atti tar-Rikors għall-ħrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet "**Cassar Pullicino noe vs Caruana Curran noe et**" (Kollez. Vol: LXXIX.iv.1387)]

Dwar il-prova tal-jedd *prima facie*, l-Qorti tal-Appell, fis-sentenza taghha tal-**14 ta' Lulju 1988** fil-kawza **Grech pro et noe vs Manfre`** (Kollez. Vol. LXXII.II.295) irriteniet is-segwenti:

[3] Vide xhieda a fol 17 dorso

*"... huwa rekwizit oggettiv u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant, jew il-jeddijiet jidhru 'prima facie', ma' l-ewwel daqqa t'ghajn, jew ma jidhru xejn, ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat."*

Tenut kont tal-fatt illi s-subinciz (2) huwa marbut ma` s-subinciz (1) tal-Artikolu.873, il-Qorti trid tqis ukoll l-element tal-pregudizzju. Rikonoxxut il-jedd prima facie tar-rikorrenti, l-grad ta' pregudizzju rikjest bhala bazi ta' akkordar ta' hrug ta'mandat kontra il-Gvern, m'ghadux pregudizzju "li ma jkun jista' jigi irrimedjat", izda bizzejjed li jintwera li dan il-pregudizzju ikun wiehed sproporzjonat.

Irid jinghad ukoll **jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa**, **mqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu, jiġi nieqes dan l-element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat.**

(Vide digriet tal-Prim`Awla tal-Qorti Civili deciz fit-**2 ta` Jannar 1993** - Atti tar-Rikors għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet **"Avukat Victor Borġ Grech vs Joseph Gasan et noe"**)

Il-Mandat ta' Inibizzjoni **huwa meqjus bhala mezz procedurali ta` natura eccezzjonali** (Vide **Charles Mugliett vs Saviour Bonnici** deciza fil-**25 ta' Jannar 2005** per **Imhallef Joseph R. Micallef** :

*"... il-harsien li l-ligi qeghda timmira ghalih bi procediment bhal dak tal-lum huwa li, minghajr il-hrug tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu r-rikorrent jitnehha darba ghal dejjem..."*

Illi il-Qorti taghraf illi ghandha taghmel accenn ghal dak ritenut fid-digriet ta' dawn il-Qrati datat **18 ta'Lulju 2008** fl-ismijiet **Av. Dr. John Gauci vs Direttur tal-Kuntratti**:

*"Ir-rabta ta' Mandat t'Inibizzjoni m'ghandhiex tintuza bhala arma ta' theddid jew geghiel (arm twisting) lill-parti intimata li, jew taghmel dak li tixtieq il-parti rikorrenti jew ma taghmel xejn. B'dan*

***il-mod, il-mandat ma jibqghax ghodda li thares il-jedd prima facie tal-parti rikorrenti, imma ssir sarima li zzomm lil parti intimata milli tgawdi l-jeddijiet taghha. Il-Qorti hi tal-fehma li qatt ma kienet ir-rieda tal-ligi li l-Mandat ta'Inibizzjoni jinbidel f'arma bhal din."***

Illi jinghad ukoll illi l-fatt li tintlaqa' talba ghall-hrug ta' l- Mandat, ma jfissirx li l-jedd ikun ippruvat. Kif daqstant iehor ma jfissirx, illi ghax talba ghall-hrug ta' Mandat ma tintlaqax, allura l-jedd pretiz ma jezistix.

Ir-rekwiziti ghall-hrug tal-Mandat huma kumulattivi mhux alternattivi. Ghalhekk jekk xi wiehed minnhom ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghall-hrug ta' l-Mandat. – vide **V&C Contractors Limited et vs Direttur tal-Kuntratti** deciza fil-**31 ta'Jannar 2011** per **Onor Imhallef J.Zammit McKeon**.

Tajjeb jinghad ukoll li procedura ta` din ix-xorta hija ntiza sabiex tkun sommarja, billi m'huwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bhal dan, kulma jmissu jitressaq quddiemha, waqt is-smiegh tal-kawza dwar il-jedd.
Illi di piu meta si tratta ta' Mandat ta' Inibizzjoni kontra il-Gvern jew Awtorita' imwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew kontra persuna f'kariga ufficjali, l-Qorti trid tikkonsidera **t-tielet element** jew rekwizit li jinqasam f'zewg aspetti u cioe':

a . **Konferma, waqt is-smiegh, li l-azzjoni lamentata fil-fatt hi mahsuba li ssir;**
b. **Il-proporzjonalita tal-pregudizzju kagunat**:

> ***"Il-Qorti m'għandha toħroġ ebda mandat bħal dak kontra l-Gvern jew awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga uffiċjali tagħha kemm-il darba l-awtorità jew il-persuna li kontra tagħha jintalab il-mandat ma tikkonfermax fil-qorti bil-miftuħ li l-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma tkun fil-fatt maħsuba li ssir, u l-Qorti tkun sodisfatta, wara li tisma' l-ispjegazzjonijiet mogħtija, li kemm-il darba ma jinħariġx il-mandat, il-preġudizzju li jinħoloq lil min ikun qed jitlob il-mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel mal-istess għemil tal-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma."*** (Vide Art. 873 (3) tal-Kap. 12)

**Ikkonsidrat:**

Applikati il-principji fuq indikati, l-Qorti taghraf illi ma jikkonkorrux l-elementi rekwisiti sabiex jinhareg il-mandat mitlub.

Dan qieghed jinghad ghal diversi ragunijiet fosthom illi Duncan Hall ddikjara illi sakemm jigu finalizati l-proceduri tas-sejha ghall-offerti gdida u ssir l-ghazla skond il-ligi, l-Kunsill ma kellu ebda intenzjoni li jingagga kuntrattur, jew kuntratturi ohra biex jezegwixxu x-xoghol li kienet taghmel is-societa' rikorrenti. Fil-fatt ix-xoghol ta' knis tat-toroq prezentement kien qieghed isir minn haddiema assenjati lill-Kunsill Lokali. Ghalhekk jonqos l-element mahsub taht Art. 837(3) Kap 12.

Ghaldaqstant il-Qorti tichad it-talba tas-societa rikorrenti; tirrevoka contrario imperio d-digriet taghha tal-1 ta' Marzu 2017 li bih kienet laqghet it-talba provisorjament.

Bl-ispejjez kontra s-societa' rikorrenti.

**Moghti Kameralment illum il-Gimgha 24 ta' Marzu 2017**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**